Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 178/2015

Il-Pulizja

Spettur Maurice Curmi

Vs

Gordon Spiteri

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Gordon Spiteri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 510971M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) Fil-21 ta' Awwissu 2007 u/jew f'xi data qabel, f'dawn il-Gzejjer, fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-Socjeta' *AMG Cold Stores Limited,* ghamel falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-fiem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu ta' l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini ta' l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'dokument mahsub ghal awtorita' pubblika u cioe' lid-Dipartiment tad-Dwana, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini ta' l-artikoli 188 u 189 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d*)* F'isem il-Kontrollur tad-Dwana u qed jigi akkuzat ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija, xjentement issottometta informazzjoni f'taghrif fid-dokument tad-Dwana ***SAD Reference No 2007600670668*** relatata ma' **Fattura bin-Numru ME6937 datata 05.06.2007,** biex sussegwentement ikun jista' jigi rilaxxat kontejner bin-numru MSCU 3612346 importat minn New Zealand b'konsenja ta' **700 kaxxa *Frozen Boneless Meat,*** liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali;

B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' **LM34,346 (€80,006),** Dazju ta' Importazzjoni mhallas kien ta' **LM20,465 (€47,671),** meta fil-fatt il-Valur u d-Dazju ta' Importazzjoni reali kellhom ikunu **LM45,508 (€106,006) u LM21,894 (€50,999)** rispettivament.

B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod jaqsam filli bil-qerq jinharab id-Dazju ta' Importazzjoni li jammonta ghall **LM1,429 (€3,329).**

Il-kontejner bil-merkanzija inkwistjoni, gie impurtat f'Malta minn New Zealand mal-vapur MV Europower fit-12.08.2007 u rilaxxat bid-dokument tad-**Dwana TDID (*Declaration*) No: 2007600670668**.

e) Talli wkoll fis-27 ta' Settembru 2007, u/jew f'xi data qabel bil-hsieb li jigi evadut xi dazju jew taxxa li kien imisshom jithallsu, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew issottometta document jew informazzjoni f'taghrif b'dokument tad-Dwana - ***SAD Reference No: 2007600692314*** relatat ma' **Fattura Numru ME6963 datata 02.08.2007,** biex sussegwentement ikun jista' jigi rilaxxat **kontejner bin-numru CRLU311367/6 importat minn New Zealand** b'konsenja ta' **731 kaxxa *Frozen Boneless Meat,*** liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali.

B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta' **LM36,600 (€85,257),** Dazju ta' Importazzjoni mhallas kien ta' **LM21,833 (€50,857),** meta fil-fatt il-Valur u d-Dazju ta' Importazzjoni reali kellhom ikunu **LM57,660 (€134,313) u LM24,528 (€57,135)** rispettivament.

B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta, xjentement kellu b'xi mod jaqsam filli bil-qerq jinharab id-Dazju ta' Importazzjoni li jammonta ghall **LM2,695 (€6,278).**

Il-kontejner bil-merkanzija inkwistjoni, gie impurtat f'Malta minn New Zealand mal-vapur MV Europower fit-22.09.2007 u rilaxxat bid-dokument tad-**Dwana TDID (*Declaration*) No: 2007600692314**.

**Id-Dazju ta' Importazzjoni** totali evadut, fuq dawn il-konsennji ta' laham li kienu gew importati minn Gordon Spiteri, f'isem is-socjeta' ta' ***AMG Cold Stores Limited,*** jammonta ghall-**LM4,124 (€9,607).**

Dan bi ksur ta' l-artikoli: 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m), ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u l-artikolu 18A ta' l-Att dwar Dazji ta' Importazzjoni Kap 337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti wara li rat 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 18, 62(f)(g)(h)(i)(k)(m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel zewgt imputazzjonijiet u ghaldaqstant illiberatu minnhom, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf tmin mija u wiehed u ghoxrin Euro (€28,821), hekk li terz minn dan l-ammont (ekwivalenti ghal €9,607) ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana.

Ordnat wkoll il-konfiska ta' l-oggetti ezebiti.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm hlas ta' esperti involuti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, tirriforma s-sentenza appellata billi:

(1) Tikkonferma dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni b'dana illi t-tielet imputazzjoni tigi assorbita bhala mezz ai fini;
(2) Filwaqt illi thassar u tirrevoka dik il-parti fejn l-imputat gie kkundannat ihallas l-multa ta' € 28,821 u minflok timpani multa aktar idoneja u gusta u dana billi tiehu in konsiderazzjoni wkoll id-dispozizzjoni tal-artikolu 18A tal-kaptiolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta hekk kif kien fis-sehh meta gie kommess ir-reat *de quo* u dan ai termini tal-ligijiet applikabbli ghal dan il-kaz u ai finijiet tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) *inter alia* għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-liġi meta ġiet biex tipprospetta l-multa fejn ġiet applikata komputazzjoni nġusta u mhux kif rikjesta mill-liġi apparti li naqset milli tieħu konjizzjoni tal-artikolu **18A tal-Kapitolu 337** tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi preliminarjament jingħad mingħajr preġudizzju għas-suespost li minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher ċar li l-appellat ammetta fi stadju bikri li kien bagħbas l-irċevuti mertu tal-każ odjern u fuq dan ma kienx hemm kontestazzjoni mill-partijiet konċernati. Minn naħa l-oħra l-kwistjoni prinċipali kienet il-mod ta' kif kellha titħallas il-multa dovuta u dana kemm fil-bidu nett meta sar tentattiv ta' ftehim barra mill-Qorti skont l-Ordinanza tad-

Dwana kif ukoll wara fil-mori tal-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u allura qatt ma kien hemm qbil fuq l-ammont ta' tali multa. F'dan l-istadju jingħad li l-artikolu mertu ta' dan kif ukoll ta' l-appell odjern, dejjem hekk kif kien fi żmien meta seħħ ir-reat hu l-**artikolu 62** tal-**Kapitolu 37** tal-Liġijiet ta' Malta li fl-2007 li kien jistipula *inter alia* li kull min jinsab ħati taħt dan l-artikolu jeħel multa ekwivalenti għal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti;

Illi minn qari tat-trattazzjoni finali da parti tad-difiża jidher ċar li skont it-teżi tagħha tali multa, għandha tiġi kkalkulata billi l-ammont ta' dazju evaz (perikolat) jiġi multiplikat għal tlett darbiet, fejn fi kliemu stess ingħad li

> "il-liġi tad-Dwana kienet tipprovdi dak iż-żmien, għax issa nbidlet, illi l-multa tkun *three times the duty due*. Meta d-Dwana fil-komputazzjoni tagħhom kienu qedgħin jistabilixxu allura skont huma x'inhi l-multa, id-Dwana kienu qedgħin jgħidu illi din il-multa hi mhux l-*under paid*, iżda l-ammont kollu għax għalihom *the duty due is the total of the duty due.*[1] Skont id-difiża l-liġi doganali kif kienet qabel ma ġiet emendata għandha tiġi nterpretata hekk kif interpretata mid-difiża u cioe tlett darbiet tal-ammont tad-dażju perikolat u għalhekk hekk wieħed jagħti ħarsa lejn il-liġi kif inhi llum (ħames darbiet tad-dazju perikolat) xorta jibqa' il-fatt li skont hu l-multa li tibqa' l-aktar favorevoli hija dik kif kienet stabbilita meta seħħ ir-reat in kwistjoni";

Illi fi-kliem ieħor skont il-prinċipju li l-imputat dejjem għandu jgawdi mill-liġi[2] l-aktar favorevoli għall-imputat, skont id-difiża hekk kif qed jinterpreta dan l-artikolu, meta wieħed jikkalkula l-ammont tal-multa kemm taħt id-dispożizzjoni hekk kif kienet fl-2007 kif ukoll kif inhi llum, l-appellat xorta jaqbillu jistrieħ fuq il-liġi hekk kif kienet dak iż-żmien;

In oltre skont id-difiża din l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni taħt l-**artikolu 62** tal-**Kap 37** tal-Liġijiet ta' Malta ssib serħan ukoll fil-Ġurisprudenza tagħna[3] fejn hawnhekk saret referenza (a) għas-sentenza tad-**9 ta' Ġunju tal-2010** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Benjamin sive Benny Mamo u Rita Cini** kif ukoll (b) għas-sentenza tat-**18 ta' Diċembru 2012** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Massimo Cremona** fejn kemm il-Qorti tal-Appell Kriminali kif ukoll l-Qorti tal-Maġistrati rispettivament interpretaw l-imsemmi **artikolu 62 tal-Kap 37** tal-Liġijiet ta' Malta

---

[1] F'dan l-istadju l-esponent jirrileva li din hi l-pożizzjoni tiegħu qua appellant.
[2] F'dan ir-rigward il-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq piena u mhux fuq liġi.
[3] Kien appuntu għalhekk li l-Avukat Ġenerali ntavola dan l-umli appell għax hekk wieħed janalizza sew kemm l-**artikolu 62 tal-Kapitolu 37** kif ukoll il-Ġurisprudenza tagħna toħroġ stampa ferm aktar differenti minn dik prospettata mid-difiza u kkonfermata mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

bl-istess mod u cioe li l-multa dejjem għandha tkun tlett darbiet tal-ammont tad-dazju perikolat. Biex jingħad kollox id-difiża għamlet referenza ukoll (ċ) għas-sentenza tas-**7 ta' Mejju 2007** fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Falzon u Emmanuel Falzon** iżda skont id-difiza għalkemm din is-sentenza hi waħda kemmxejn volumenuża u għalkemm dina l-kwistjoni tal-multa tqajjmet ukoll mid-difiża dak l-aggravju baqa' qatt ma ġie deċiz mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata u mingħajr preġudizzju għas-suespost jidher ċar li meta l-ewwel Qorti waslet biex tiddeċiedi s-sentenza f'dan ir-rigward straħet esklussivament fuq dak tenut mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali tiegħu. Tant hu hekk li sabiex l-Qorti erogat il-multa għamlet referenza biss għaż-żewġ sentenzi **Il-Pulizija vs Benjamin sive Benny Mamo et** ukif ukoll **Il-Pulizija vs Massimo Caruana** (tal-aħħar għandha tinqara **Cremona** minflok). Imkien ma saret referenza għat-tielet sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Falzon u Emmanuel Falzon,** *in oltre* għalkemm l-ewwel żewg sentenzi jinsabu annetti mal-atti proċesswali din ta' l-aħħar ma tinkwadra mkien u kwindi skont il-prinċipju *quod non est in actis non est in mundo*, l-ewwel Onorabbli Qorti ma ħadetx konjizzjoni tagħha;

Illi l-esponent qed jagħmel enfażi partikolari fuq din is-sentenza għas-sempliċi raġuni li għall-kuntrarju ta' dak sottomess mid-difiża fit-trattazzjoni tagħha fil-każ odjern, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Falzon u Emmanuel Falzon** ikkonfermat il-pozizzjoni appoġġjata mid-Dwana kif ukoll mill-esponent hekk kif se jiġi spjegat f'aktar dettal. Jingħad li l-Avukat Ġenerali kien appella minn din is-sentenza għar-raġuni li għalkemm l-ewwel Qorti sabet ħtija fiż-żewġ imputati, hi immultathom is-somma komplessiva ta' **LM43,867.82** fejn sostna li dina s-somma kellha *se mai* titħallas individwalment minn kull wieħed mill-imputati. L-imputati minn tagħhom kienu ntavolaw ukoll appell fejn *inter alia* ressqu l-aggravju dwar il-multa[4]. Jingħad ukoll li b'sens ta' lejalta u responsabbilta fil-mori tal-appell[5] l-AĠ[6] iddikjara li d-dazju dovut kien ta' **LM3,900.54c** u għalhekk il-multa kellha tkun dik ta' **LM11,701.64c** u cioe l-ammont ta' dazju li kellu jitħallas fuq l-oġġetti multiplikat għal tlett darbiet u kwindi ferm anqas minn dik stabbilita mill-ewwel Qorti fl-ammont ta' **LM43,867.82** ;

---

[4] Ai fini ta' prattiċita' u kjarezza peress li kien hemm appell miż-żewġ partijiet minn issa –il quddiem ħa ssir referenza għall-appellanti bħala AĠ u l-imputati rispettivament.

[5] Meta il-Qorti erogat il-multa użat id-diċitura tal-liġi hekk kif kienet qabel l-emendi tal-2007 u cioe ħadet in konsiderazzjoni l-ammont tad-dazju li kellu jitħallas fuq l-oġġetti magħdud mad-doppju tal-valur tal-oġġetti in kwistjoni.

[6] L-appell tal-Avukat Ġenerali kien intavolat minn avukat differenti.

Illi fl-aggravju tal-imputati f'dan ir-rigward, senjatament **a fol 43** fl-aħħar paragrafu, jingħad:

> "li għall-fini tal-multa ma kellux jiġi kalkolat id-dazju kollu dovut imma biss id-differenza bejn id-dazju li kien imissu tħallas u dak li attwalment kien tħallas mall-preżentata tad-*duty entries* relattivi. Peress li d-dazju li kellu jitħallas kien **LM3,900.54c** u peress li jirriżulta li ġja kien tħallas **LM1,716.77c8** dazju, id-diskrepanza hija ta' **LM2,183.77c**. Hekk li tlett darbiet l-ammont ta' dan il-bilanċ ta' dazju dovut ikun jammonta għall-**LM6,551.31c** fl-aħjar ipoteżi għall-appellanti (imputati) u **LM11,701.64c** fl-agħar ipoteżi għalihom."

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u b'kuntrarju għal dak li qalet id-difiża fit-trattazzjoni tagħha qabel ma ngħatat is-sentenza mertu tal-appell odjern, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Falzon u Emmanuel Falzon** kienet ferm ċara fil-kunsiderazzjoni tagħha f'dan ir-rigward fejn saħansitra qalet, **a fol 45,** li

> "Finalment l-aggravju li l-kalkolu tal-multa għandu jsir biss fuq il-bilanċ tad-dazju dovut biss u mhux fuq id-dazju kollu huwa ukoll nfondat għaliex il-liġi titkellem (hekk kif kienet dak iż-żmien) **<u>fuq id-dazju li għandu jitħallas u mhux fuq il-bilanċ tal-istess dazju li jkun baqa' jitħallas.</u>** (enfażi tal-esponent) Għalhekk il-kalkolu tal-multa kif issa kalkolat mill-Avukat Ġenerali għandu jreġġi."

F'dan il-kuntest u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent jagħmilha ċara li meta si tratta ta' reat kwalunkwe ma jistax wieħed joqgħod jiżen u jbenġel il-liġi u joqgħod jiddiskuti x'ikun l-aħjar għalih jew saħansitra l-agħar. Inutli noqogħdu ngħidu għax ma' naqbilx ma dik il-liġi jew inkella kif ġara fil-każ odjern għax din id-dispożizzjoni ma tagħmilx sens u diskors simili għax il-liġi doganali hi li hi u, hekk kif ġara fil-każ odjern, l-appellat għoġbu jbagħbas l-irċevuti sabiex jevadi parti mid-dazju dovut allura jrid iħallas ta' għemilu skont il-liġi. L-esponent isaqsi għaliex l-ewwel Onorabbli ma għamlitx referenza ta' dina s-sentenza wkoll hekk kif qed jagħmel l-esponent f'dan l-umli appell? In oltre nistgħu allura ngħidu li l-Qorti kienet raġonevolment u legalment korretta fid-deċizjoni tagħha li straħet u semgħet qanpiena waħda biss, dik il-qanpiena li d-difiża kien jaqbel lilha u li konvenjentement għażlet li titratta sabiex tipprova tiżvija lill-ewwel Qorti u li jkolli nammetti rnexxielha hekk taghmel?

Illi di piu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, tenut kont x'intqal mid-difiża bil-konferma tal-Qorti fis-sentenza appellata, insibu l-istess sitwazzjoni fir-rigward tal-**artikolu 18A** tal-**Kapitolu 337** tal-Liġijiet ta' Malta għax skont id-difiża fit-trattazzjoni tagħha saħqet li

> "dan l-Artikolu illum m'għadux fis-seħħ u allura m'għandux għalfejn jinkwieta lill-Qorti. B'hekk allura ovvjament (skont id-difiża) tapplika l-prinċipju illi jekk m'għadux reat allura m'hemmx għalfejn wieħed jidħol fih għaliex inti dejjem tapplika l-Liġi li tkun iżjed favorevoli għall-imputat u m'hemmx għalfejn ninħela wisq iżjed fuq din."

Oħroġ il-għaġeb l-ewwel Onorabbli Qorti għażlet li tiskarta dan l-artikolu fejn qalet, **a fol. 9 para. 6**, li

> "Inoltre dan ir-reat seħħ fis-sena 2007. Permezz ta' l-**Att III 2013 l-artikolu 18A tal-Kapitolu 18A tal-Kapitolu 337** ġie revokat. Għaldaqstant ladarba m'għadux reat taħt il-liġi tagħna u l-prinċipju huwa li għandha tiġi applikata l-liġi l-iżjed favorevoli għall-imputat din il-Qorti mhux se tinoltra' ruħha oltre' fuq dan l-artikolu;

Illi għall-darb' oħra nipprovaw nbenġlu prinċipji hekk kif jaqbel lilna u li sfortunatament l-ewwel Qorti straħet fuqhom ukoll, dan qed jingħad fid-dawl ta' dak stabbilit taħt **l-Kapitolu 249** tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-**artikolu 12 (1)** fejn jistipula li

> meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att iħassar xi liġi oħra, kemm –il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –
>
> (d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbilita' għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;
>
> u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda;

Din id-dispożizzjoni trid tinqara fid-dawl dak stabbilit taħt l-**artikolu 27** tal-Kodiċi Kriminali li jekk **piena** stabbilita mil-liġi li tkun iseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunx xorta waħda, għandha tingħata **l-piena l-anqas gravi**. Kwindi minn qari ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet flimkien jidher ċar li dan l-prinċipju li tiġi applikata l-**liġi** l-iżjed favorevoli tapplika biss fir-rigward ta' piena u mhux fuq liġi;

Illi mingħajr preġudizju għas-suespost lanqas m'huwa minnu dak li qalet kemm id-difiża u hekk kif sostnut mill-ewwel Qorti li dan l-artikolu m'għadux parti mill-liġi tagħna u dana għas-sempliċi raġuni li hekk wieħed janalizza l-**artikolu 62** tal-**Kapitolu 37** meta l-**artikolu 18A tal-Kapitolu 337** kien għadu *in vigore* u janalizzah kif inhu fil-preżent mill-ewwel jinduna li d-diċitura li kienet tinsab fl-**artikolu 18A tal-Kapitolu 337** issa tinsab fl-intier tagħha taħt l-istess **artikolu 62 tal-Kapitolu 37**, fejn fost l-oħrajn nsibu l-introduzzjoni tat-terminu <u>dazju perikolat</u> li qabel kien jinsab taħt l-**artikolu 18A tal-Kapitolu 337** u allura toħroġ ċara wkoll li l-intenzjoni tal-leġislatur fl-**artikolu 62** hekk kif kien lura fl-**2007** kien li titratta mal-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq l-oġġetti in kwistjoni u kwindi d-<u>dazju kollu u mhux il-bilanċ</u>, tant hu hekk li meta l-leġislatur ried jirreferi għal <u>bilanċ</u> ta' dazju dovut jew kif magħruf <u>dazju perikolat</u> kien hemm l-**artikolu 18A**. Għaldaqstant in vista tas-suespost l-ewwel Onorabbli kellha tieħu konjizzjoni tal-**artikolu 18A** hekk kif kien taħt il-**Kapitolu 337** tal-Liġijiet ta' Malta fl-2007;

Illi finalment, madankollu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jtenni li l-appellat xorta waħda għandu jibbenifika mill-piena lanqas gravi u kwindi għandu jħallas il-multa ekwivalenti għal <u>ħames darbiet l-ammont tad-dazju perikolat</u> u mhux il-multa ekwivalenti għal <u>tlett darbiet l-ammont ta' dazju li għandu jitħallas fuq il-laħam</u> u għaldaqstant għandu jħallas il-multa ta **€48,035** li tiġi **€9,607** għal ħames darbiet, hekk li terz mill-multa, ekwivalenti għal **€16,011.66,** għandu jitqies bħala dejn ċivili addebidat lid-Dipartiment tad-Dwana;

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali ghalkemm mhux qieghed jikkontesta s-sejbien ta' htija ghat-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, qieghed jintenta jimpunja d-decizjoni appellata fuq zewg binarji u cioe' fl-ewwel lok meta jishaq illi meta giet biex teroga l-piena tal-multa, l-Ewwel Qorti ghamlet komputazzjoni hazina u mhux kif prevista fil-ligi kif ukoll jilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti naqqset milli tiehu konjizzjoni ta'l-artikou 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi qabel tinoltra ruhha fil-konsiderazzjonijiet dwar l-mertu ta' dan l-appell, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-ligi li tirregola r-reati kemm taht il-Kapitolu 37, kif ukoll taht il-Kapitolu 337 li qed jigu addebitati lill-appellat giet kemm il-darba emendata, bl-emendi li madanakollu jikkoncernaw dan il-kaz jidhlu fis-sehh permezz ta'l-Att

III tal-2013, fejn saru diversi tibdiliet fil-komputazzjoni tal-multa li tigi inflitta meta jkun hemm l-infrazzjoni tal-ligi, kif ukoll saru emendi ghall-artikolu 62(m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u b'konsegwenza ta' dan gie abrogat l-artikolu 18A tal-Kapitolu 337. Issa apparti xi emendi zghar matul is-snin, dan l-ahhar artikolu tal-ligi, li kien gie mizjud permezz ta'l-Att VIII ta'l-1993, baqa' kwazi mhux mittiefes sakemm fl-ahhar gie abrogat kif inghad. L-Avukat Generali jilmenta illi din id-disposizzjoni tal-ligi ghalkemm abrogata, madanakollu baqghet tikkostitwixxi reat meta giet inkorporata fl-artikolu 62(m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Jishaq inoltre illi l-komputazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-multa inflitta ma kenitx skont il-ligi vigenti f'dak iz-zmien liema ligi kienet titkellem fuq multa ekwivalenti ghal tlett darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas u cioe' fil-fehma ta'l-Avukat Generali, ta'l-ammont kollu ta' dazju dovut fuq l-merkanzija importata u mhux fuq biss fuq l-ammont ta' dazju li gie evaz.

Issa permezz tal-emendi introdotti fl- 2013, il-komputazzjoni tal-multa ghandha tkun dik ekwivalenti ghal hames darbiet id-dazju perikolat biss u kwindi anke jekk l-Ewwel Qorti kellha tapplika il-ligi l-iktar faverevoli ghall-appellat, fil-fehma ta'l-Avukat Generali l-multa allura kellha tkun dik ta' hames darbiet id-dazju perikolat u mhux tlett darbiet ta' dan l-ammont kif deciz mill-Ewwel Qorti billi il-multa giet inflitta abbazi ta' interpretazzjoni zbaljata tal-ligi. Illi l-Ewwel Qorti wasslet biex teroga piena ta' multa ibbazata fuq il-komputazzjoni tal-ligi fid-dawl tal-interpretazzjoni li kienet giet moghtija mill-qrati taghna fis-sentenzi Il-Pulizija vs Benjamin sive Benny Mamo et u l-Pulizija vs Massimo Caruana, iccitati fid-decizjoni impunjata. Dan ghalkemm, kif ighid l-Avukat General fl-appell minnu intentat, fis-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Falzon, l-interpretazzjoni kienet xort'ohra bil-multa tigi ikkomputata tlett darbiet l-ammont kollu ta' dazju li kellu jithallas fuq il-merkanzija u mhux dak biss li baqa' ma thallasx. Illi din il-Qorti madanakollu ma tistax taqbel ma' dina l-ahhar interpretazzjoni u dan ghaliex jkun kontro-sens u ingustizzja kbira li importatur jerga' ihallas fuq l-ammont ta' dazju li huwa jkun hallas fuq il-merkanzija u fejn allura ma ikunx kiser il-ligi. B'dan l-argument jigi illi l-

Istat jkun qed jithallas ghal tlett darbiet dak id-dazju li ikun diga' thallas skont il-ligi. Id-dazju li kellu jithallas f'dan il-kaz u baqa' ma thallasx huwa biss dak li kien dovut fuq il-valur mhux dikjarat, ghaliex fuq il-valur li gie dikjarat fil-fatt thallas, kif inghad. Tant hu hekk illi l-legislatur biex jaghmel il-ligi aktar cara hass li kellha tigi introdotta emenda f'dan ir-rigward biex b'hekk il-ligi illum tistipula illi l-multa li ghandha tigi inflitta ghandha tkun dik ta' hames darbiet l-ammont ta' dazju evaz u mhux tad-dazju kollu li hafna drabi il-maggior parti tieghu jkun diga' thallas. Issa allura rinfaccjata b'dan it-tibdil fil-ligi il-Qorti ghandha tqies liema hija dik il-multa li ghandha tigi inflitta f'dan il-kaz u ukoll jekk l-Ewwel Qorti kellhiex tghaddi biex issib htija ghar-reat mahsub fl-artikolu 18A tal-Kapitolu 337 billi dan kien gie abrogat.

Illi fuq il-principju tar-retroattivita tad-dritt penali titkellem mhux biss il-Kostituzzjoni, izda ukoll l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fejn fil-kaz maghruf ta' Scoppola v. Italy l-Qorti Ewropea biddlet il-pozizzjoni li kienet hadet precedentement u osservat li:

*"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties …. The Court …. affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly,* ***the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law****. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*[7]*"*

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirrafferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

[7] Scoppola vs Italy App.No.12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber)

*"The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*[8]"

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

''*In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*[9]''

B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, kif gustament jissottometti l-Avukat Generali fir-rigward ta'l-artikolu 18A, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Illi allura din il-Qorti illum fid-dawl tal-pronunzjamenti maghmula mill-Qorti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma tistax taqbad u tghaddas rasha billi tara biss dak li tipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni u tieqaf hemm ghaliex altrimenti tali interpretazzjoni tkun leziva ta'l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Illi illum din il-Qorti hija fid-dmir tapplika dik il-piena li hija l-iktar favorevoli ghall-appellat. L-Ewwel Qorti

[8] Ara ukoll Ruban vs Ukraine – 12/07/2016 u Koprivnikar vs Slovenia
[9] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

fid-decizjoni taghha imxiet bil-ghaqal u b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ta' dritt u kien b'nuqqas ta' etika kbira u ta' rispett u lealta lejn l-Ewwel Qorti illi l-Avukat Generali fir-rikors tieghu ta'l-appell donnu jimplika li kien hemm xi kolluzzjoni bejn l-Ewwel Qortu u d-difiza jew inkella li hija tat kaz is-sottomissjonijiet tad-difiza u skartat dawk tal-Prosekuzzjoni!

Maghdud dan ghalhekk din il-Qorti ma tista issib xejn x'ticcensura fid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti billi illum l-iktar piena favorevoli ghall-appellat hija dik moghtija mill-Ewwel Qorti bl-interpretazzjoni tal-ligi kif imfissra fid-decizjoni impunjata u cioe' dik tal-multa ekwivalenti ghal tlett darbiet l-ammont ta' taxxa li baqa' ma thallasx. Illi anke fir-rigward ta'l-applikazzjoni ta'l-artikolu 18A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm huwa minnu illi dina d-disposizzjoni tal-ligi abrogata giet ittrasportata fl-artikolu 62(m) tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta jidher illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet iccitata mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha meta sabet reita' fl-appellanti ghal ksur ta'l-istess u kwindi anke hawn il-Qorti ma tistax tifhem fejn l-Avukat Generali qieghed jara xi nuqqas.

Finalment din il-Qorti tqies illi s-sottmissjoni maghmula mid-difiza ghar-rigward ta'l-istqarrija ta'l-appellat li giet skarata bhala prova minn din il-Qorti u dan fid-decizjoni moghtija minnha tat-23 ta' Frar 2017, ma tista' ikollha l-ebda piz fuq l-appell intavolat mill-Avukat Generali. L-appellat ma iressaq l-ebda appell mid-decizjoni impunjata li sabitu hati tar-reati hemmhekk imfissra. Illi, fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti hija tal-fehma illi skartata l-istqarrija rilaxxjata mill-appellat xortawahda tirrizulta r-reita' mill-kumplament tal-provi akkwiziti u dan fid-diskrepanzi li kienu jezistu bejn id-dokumenti sottomessi lid-Dipartiment tad-Dwana f' Malta u dawk ta' New Zealand mis-socjeta importatrici fejn jirrizulta car u tond mill-provi, inkluzi allura l-ittri rogatorji, illi l-valur tal-prodott importat kien gie *under-declared*. Dawn id-dokumenti gew sottomessi mis-socjeta AMG Cold Stores Limited fejn l-appellat huwa wiehed mid-diretturi tant illi huwa gie imharrek fir-reponsabbilta vikarja tieghu. Dan ifisser illi ghalkemm l-istqarrija rilaxxjata mill-appellat fejn huwa assuma personalment ir-responsabbilta ghal dina l-infrazzjoni

tal-ligi giet skarata, jibqa' madanakollu l-fatt illi huwa jibqa' vikarjament responsabbli, kif iccitat u dan sakemm ma jippruvax, al menu sal-grad tal-probabbli rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali, li r-reati jkunu saru minghajr it-taghrif tieghu u li jkun ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reati in kwistjoni, haga li l-appellat ma ippruvax. Dan apparti imbaghad dak li jiddisponi l-artikolu 77 tal-Ordinanza dwar l-ispustament tal-oneru tal-prova u dan dejjem fir-rigward tar-reati addebitati lill-appellat li jaqghu taht dik il-ligi u li dwarhom hu gie misjub hati.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(FT)Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur